# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2016

Talba Numru: 368/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 25

**Dr Joseph Lia u martu Carmen Lia**

**f'isem Graces Company Limited,**

**18, Main Street,**

**Zabbar**

**Vs**

**Ms Claire Bezzina,**

**Water Lily,**

**Triq Profs. Daniel Callus,**

**Zebbug, MALTA**

**U**

**Mr Edmond Thornton**

**Block 1, Door B, Flat 15,**

**Triq il-Mithna,**

**Gudja**

**It-Tribunal,**

Semgha l-partijiet jittrattaw l-kawza u ha konjizzjoni tal-istess.

Ikkunsidra

Dan huwa kaz fejn il-konvenuti li kienu gharajjes marru jibbukjaw is-sala tat-tieg 'Villa Blanche' li tinsab Hal Far limiti taz-Zurrieq minghand is-Socjeta' attrici u meta ghamlu dan ffirmaw skrittura li tinsab a fol 3 tal-process u hallsu s-somma ta' erba mija u hamsa u sittin ewro (€465) akkont mis-somma totali ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) li ntrabtu li jhallsu. Fl-istess skrittura tal-15 ta' Dicembru, 2011 intrabtu li jitilfu d-depozitu jekk ma javzawx bil-miktub lis-Socjeta' attrici mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-funzjoni u jekk tali kancellament ma jsirx f'perjodu ta' lanqas sitt (6) xhur qabel id-data tal-funzjoni l-partijiet jitlifu d-depozitu u jkunu wkoll obbligati jhallsu l-bilanc tal-prezz.

Gara li z-zwieg tal-konvenuti thassar u filwaqt l-intimati jikkontendu li kienu infurmaw lis-Socjeta' attrici li t-tieg gie kancellat qabel sitt (6) xhur mid-data tat-tieg u dan permezz ta' telefonata mill-konvenuta ma' Carmen Lia, s-Socjeta' attrici tikkontendi li din it-telefonata saret tlett (3) xhur qabel id-data li kellu jsir it-tieg u ma sarx bil-miktub. L-istess konvenuta Claire Bezzina tikkontendi li meta cemplet lil Carmen Lia in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici din qaltilha li ma ghandhiex ghalfejn thallas il-bilanc.

Il-konvenuti jikkontendu wkoll li l-ftehim li huma ffirmaw mas-Socjeta' attrici li jinsab a fol 3 tal-process huwa kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 44 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Socjeta' attrici fit-trattazzjoni taghha ndikat li l-konvenuti kellhom huma jikkwota liema sub-paragrafu tal-Artikolu 44 tal-Kap 378 huwa applikabbli fil-kaz de quo kif ukoll kkwotat zewg sentenzi sabiex tiggustifika l-pretensjonijiet taghha li l-iskrittura fol 3 hija kuntratt u l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jigi rispettat. Dawn is-sentenzi kienu **Eden Hospitality Limited vs Sit Special Interest Travel Limited Prim Awla 15 ta' Lulju, 2014** li t-Tribunal jinnota li ma kienx fuq l-'istandard form contract' izda kien dwar jekk meta sit ffirmat il-kuntratt kienet qed tiffirma bhala

agent tas-Socjeta' konvenuta l-ohra u s-sentenza **Calleja Neil et v London Services Limited Prim Awla tal-Qorti Civili (kawza nru 531/2015 LSO) deciza 16 ta' Mejju, 2013** li fiha l-Qorti dahlet fid-dettal dwar meta kunsens jista jitqies li kien ivvizjat.

Illi l-ftehim a fol 3 veru li kien jobbliga lill-konvenuti li jinfurmaw bil-miktub lis-Socjeta' attrici sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tieg biex huma jitilfu biss d-depozitu izda l-istess konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu l-bilanc tal-prezz jekk dan isir f'anqas minn sitt xhur qabel id-data tal-funzjoni. It-tieg kellu jsir fil-15 ta' Novembru, 2014 . Fl-affidvit taghhom l-konjugi Joseph u Mary Carmen Lia a fol 14 ma jikkontendux li s-somma pretiza minnhom hija a bazi li tali talba ma saritx bil-miktub u mhux kif qed jikkontendu sussegwentement li tali talba ma saritx bil-miktub f'perjodu ta' anqas minn sitt xhur mid-data tat-tieg u in kontro-ezami a fol 16 tixhed li lanqas bit-telphone ma gew avzati u wara l-istess Carmen Lia xehdet li ma tiftakarx.

A fol 21 l-konvenuta Claire Bezzina tghid li veru dan ma sarx bil-miktub izda sar qabel is-sitt (6) xhur mid-data tat-tieg tant li anke ppruvat tmur ghand l-kappillan li kien ser izewwighom biex ticcekja baqghalux xi dokumenti li jippruvaw dan izda huwa infurmaha li fl-ahhar tas-sena kien jarmi kollox.

Il-ligi fir-rigward tal-kuntratt tghid hekk u cioe Artikolu 1133 u 1137 tal-Kodici Civili:

*1133. Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jigi kkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kienx htija.*

*1134. Id-debitur mhux obbligat ghad-danni jekk hu ma setax jaghti jew jaghmel il-haga li obbliga ruhu li jaghti jew li jaghmel, jew ghamel il-haga li ma kellux jaghmel, minhabba forza magguri jew minhabba accident.*

*1136. Id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien ta' l-obbligazzjoni, izda dan kemm-il darba n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ma jkunx gej minn ghemil tieghu doluz.*

*1137. Fil-kaz ukoll illi n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jkun gej minn ghemil doluz tad-debitur, fid-danni dwar it-telf li jkun bata l-kreditur u l-qligh li hu jkun gie mtellef, ghandhom jidhlu biss dawk id-danni li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tal-obbligazzjoni.*

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu z-zewg verzjonijiet konfliggenti u l-iskrutinju li jehtieglu jaghmel dan it-Tribunal huwa essenzjalment dwar liema verzjoni hija dik li tissodisfa l-kriterji stabiliti mil-gurisprudenza taghna. Fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia (deciza 24.11.1966**); *"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u versimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

U fil-kawza **Paul Vassallo vs Carmelo Pace (Vol. LXX. II.144):** *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn l-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesti f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet."*

Fil-kaz in ezami t-Tribunal jinnota kif l-konjugi Lia bidlu l-verzjoni taghhom minn dik fl-affidvit taghhom ghal dik in kontro-ezami meta xehdet Carmen Lia fejn fl-affidavit xehdu li l-bilanc huwa pretiz ghax l-konvenuti ma avzawx lis-Socjeta' attrici bil-miktub mentri in kontro-ezami Carmen Lia xehdet li l-bilanc tad-depozitu huwa pretiz stante li t-telefonata rcevuta minghand l-konvenuta f'perjodu ta' anqas minn sitt xhur.

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda tal-partijiet u l-kontro-ezamijiet li saru u jinnota kif l-konvenuta anke ppruvat ggib il-prova ta' dak li kienet qed tikkontendi meta marret ghand il-Kappillan biex tara kienx ghad kellu informazzjoni dwar meta hija infurmatu li t-tieg kien thassar izda dan infurmaha li fl-ahhar tas-sena kien jarmi kollox. Bhal ma jinnota li x-xhud Carmen Lia tammetti li meta rceviet it-telefonata minghand l-konvenuta hija semmitilha biss li ser titlef id-depozitu u ma nislitilha xejn li kellha thallas il-kumplament. Kieku verament l-konvenuta cemplet biex tikkancella l-booking fi zmien anqas minn sitt xhur kieku Carmen Lia kienet tinfurmaha wkoll li minbarra t-telf tad-depozitu kien ser ikollha thallas ukoll il-bilanc tal-kirja tas-sala.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal jasal biex jemmen il-verzjoni tal-konvenuta li l-kancellament tal-booking sar qabel sitt xhur minn kellu jsir it-tieg .

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li l-'istandard form contract' ffirmat bejn l-partijiet imur kontra l-Artikolu 44 et seq tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal jinnota li l-konvenuti naqsu li jikkwotaw is-sub paragrafu numru tal-Artikolu li fuqu qed jibbazaw din l-eccezzjoni u ghal din ir-raguni qed jichad tali tieni eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, veru li dan it-Tribunal ghandu l-kompetenza li jiddeciedi fuq l-principji tal-ekwita' u l-gustizzja pero sabiex tigi applikata l-ekwita' jrid ikun hemm bazi legali. (**Vide Appell Inf per Imh Camilleri 8.4.2014 Rosario Bonnici v Cutajar Limited**) Kif ukoll, kif iddecidiet il-**Qorti tal-**

**Appell Sede Inferjuri fit-02 ta' Mejju, 20013 fil-kawza fl-ismijiet Noel Xuereb vs CTB ltd kawza 686/2001 per Imh Sciberras** dik il-Qorti dahlet fil-kwistjoni ta' ekwita' u kif din ghandha tigi nterpretata u wzata minn dan it-Tribunal u kkonfermat li s-setgha affidata mil-ligi tal-applikazzjoni tal-principji ta' ekwita' m'ghandhiex tigi ridotta ghal semplici formola li sservi bhala mezz biex tohrog minnha fin-nuqqas ta' provi. Huwa prezunt li kull decizjoni tkun ibbazata fuq l-provi istruttorji, l-ligi, u l-gustizzja sostanzjali, moderata, fejn mehtieg, mill-principji ta' ekwita'.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal in vista tal-principji kif hekk stabiliti mill-Qrati taghna, u mill-provi prodotti ma jistghax jilqa' din it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-Socjeta' attrici u jichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta u jordna li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kwanti ghal nofs mis-Socjeta' attrici u nofs mill-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**